

Appell ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2011 minn Gerhard Birkhoff mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-27 ta' Ottubru 2010 fil-Kawża F-60/09, Gerhard Birkhoff vs Il-Kummissjoni Ewropea

(**Kawża T-10/11 P**)

(2011/C 55/60)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Gerhard Birkhoff (Weitnau, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Inzillo, avukat)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

L-appellant jitlob lill-Qorti Ĝeneralis jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni appellata;
- tikkundanna lill-appellata għall-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-għan ta' dan l-appell huwa l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fil-Kawża F-60/09, Birkhoff vs Il-Kummissjoni, li ċaħdet ir-rikors kontra d-deċiżjoni tal-appellata, li ċaħdet l-estensjoni tal-ħlas tal-allowance tat-tfal dipendenti, li huwa kien jirċievi sa mill-1978.

Insostenn tal-appell tiegħi, l-appellant qiegħed iressaq seba' aggravji:

- L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u tal-prinċipi taċ-ċertezza legali u tat-trattament ugwali.
- It-tieni aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-kunsiderazzjoni li r-rikorrent sostna motiv wieħed fir-rikors promotur (Artikolu 2(5) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal) b'mod li ġew illimitati l-ilmenti tiegħi intiżi sabiex jinvolvu, minflok, l-applikazzjoni żbaljata tas-sistema regulatorja u tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' riferiment fil-qasam inkwistjoni.
- It-tielet aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi, nuqqas ta' motivazzjoni u ksur tad-Dritt Komunitarju inkwartu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda l-kawża fuq il-bażi tal-prinċipju ta' analoġija u fin-nuqqas totali ta' xi kriterju legali u/jew ta' regola ta' riferiment.

— Ir-raba' aggravju huwa bbażat fuq żball ta' liġi u ommisjoni u nuqqas ta' motivazzjoni fl-evalwazzjoni tal-provi prodotti mill-appellant insostenn tar-raġunijiet tiegħi.

— Il-ħames aggravju huwa bbażat fuq nuqqas ta' osservanza tal-prinċipi ġenerali u involabbi tal-ugwaljanza bejn l-individwi u infondatezza manifesta tal-applikazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tar-regoli u/jew linji ta' riferiment tal-ġuris-prudenza inkwistjoni.

— Is-sitt aggravju huwa bbażat fuq inkompetenza, nuqqas ta' motivazzjoni u użu ħażin ta' poter fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż deduċibbli totalment jew parżjalment rimbor-sabbli għall-mard ta' membru tal-familja tal-appellant, mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fuq parir tal-mediku likwidatur tas-sistema komuni għall-mard minflok l-Amministratur.

— Is-seba' aggravju huwa bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward ta' diversi punti deċiżivi tas-sentenza appellata mqajma mill-appellant u li ma ġewx ikkunsidrati fid-dettall mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tal-10 ta' Jannar 2011 — Coedo Suárez vs Il-Kunsill

(**Kawża T-3/08**) ⁽¹⁾

(2011/C 55/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 64, 08.03.2008.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralis tas-16 ta' Diċembru 2010 — FIFA vs UASI — Ferrero (WORLD CUP 2006 et)

(**Kawża magħquda T-444/08 sa T-448/08**) ⁽¹⁾

(2011/C 55/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża magħquda.

⁽¹⁾ ĠU C 313, 06.12.2008.